MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2004

Appell Civili Numru. 365/1999/1

**Edward Psaila**

**vs**

**Carmel Dimech u Ahmed Gado jew min minnhom ta' Ital Mal Enterprises u b'digriet tal-15 ta' Marzu 2000 is-socjeta` Italmal Machinery Limited giet kjamata in kawza**

**Il-Qorti,**

Fit-2 ta' Dicembru 2002 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenuti jghidu il-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati jhallsu s-somma ta' Lm376.76 (tlett mija u sitta u sebghin lira u sitta u sebghin centezmu) jew somma ohra verjuri li tigi

likwidata minn dina l-Qorti, jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi, rappresentanti spejjez u danni sofferti fil-vettura tieghu numru EAH 268, liema danni gew kawzati b'risultat tal-kollizzjoni li Ahmed Gado kellu mal-imsemmija vettura fit-23 ta' Settembru 1998, waqt li kien qieghed isuq steam roller, f'Tower Road, Sliema, stante li Ahmed Gado huwa unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni minhabba traskuragni, imperizja, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tieghu, u li inoltre l-konvenuti solidalment bejniethom ntrabtu li jaghmlu tajjeb ghall-hsarat kollha sofferti mill-attur.

Bl-imghax legali mid-data tal-avviz u bl-ispejjes inkluzi tal-ittra legali tad-9 ta' Dicembru 1998, ta' Lm10 ghall-konsult, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti (fol 6 tal-atti) u li biha eccepew:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi Carmel Dimech qatt ma agixxa personalment u ghalhekk mhux il-legittimu kontradittur.

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjenti mhux responsabbli ghall-incident de quo.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet moghti fil-15 ta' Marzu 2000 u li permezz tieghu giet kjamata in kawza is-socjeta "Italmal Machinery Limited (fol 7 tal-atti).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta kjamata in kawza (fol 19 tal-atti) u li biha eccepiet:

1. Preliminarjament, illi t-talba attrici hija preskritta a tenur ta' l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma hu dovut ebda ammont lill-attur stante illi l-istess attur diga' gie kompensat mis-socjeta' eccipjenti ghas-saldu tal-

pretensjoni tieghu naxxenti minn hsarat ikkawzati minn impjegati taghha;

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi l-attur (fol 26 u 27 tal-atti) fix-xhieda tieghu qal li meta gara l-incident in esami hu kien fil-hanut tieghu waqt li kellu l-“van” tieghu numru EAH 268 tal-marka “Citroen Berlingo “ parkeggat f’Triq it-Torri, Tas-Sliema. Waqt li kien ghadu fl-istess hanut, kien gie informat li gara l-incident in esami u, ghalhekk, hu mar fuq il-post u sab li “steam roller” kien habat mal-van tieghu, fuq in-naha tal-lemin ta’ dan. Inoltre fuq il-post kien hemm il-konvenut Ahmed Gado, s-sewwieq tal-istess “steam roller” liema konvenut spjegalu li kien ghamel tentattiv sabiex jqabbad il-magna ta’ dan billi jindjetreggah. Pero, kien tilef il-kontroll tieghu u b’hekk laqat il-“van” tal-istess attur. L-istess attur, oltre li esebixxa ritratti (fol 34 ibid) kif ukoll l-ircevuti dwar id-danni kollha pretisi minnu inklusi spejjes ta’ riparazzjonijiet u kiri ta‘ vettura sabiex juzaha ghax-xoghol tieghu (fol 35 sa fol 43 ibid) spjega li kienet giet iffirmata dikjarazzjoni li kopja taghha tinsab esebita a fol 30 ibid.

Ikkunsidrat

Illi, hawnhekk jkun opportun li ssir referenza ghal din id-dikjarazzjoni li giet esebita f’dawn l-atti minn PS 1102 Robert Everest (fol 28 u 29 ibid). Dan spjega li, in konnessjoni ma’ dan il-kaz, ma kienx ghamel skizz minhabba li l-lokalita’ fejn gara dan l-incident kienet maghluqa ghat-traffiku. Hu kompla jghid li l-istess incident gara fit-telgha ta’ Triq it-Torri. Minn triq il-Katidral ossija triq laterali kien hareg is-“steam roller” involut sabiex jdur u jitla’ l-istess telgha. Pero dan, ghal xi raguni kien waqaf u indjetregga. Bhala konsegwenza kien laqat il-“van” appartenenti lill-attur, liema vettura kienet parkeggata fuq ix-xellug tal-istess telgha. Fuq il-post tal-incident kien

hemm l-imsemmi Ahmed Gado kif ukoll, eventwalment il-konvenut l-iehor, Carmel Dimech. Dawn it-tnejn flimkien kienu quddiemu iffirmaw dikjarazzjoni li permezz taghha ddikjaraw “li kienu ser jaghmlu tajjeb ghad-danni kollha bhala konsegwenza ta’ dan l-incident” Hawnhekk kien qed jirreferi ghad-dikjarazjzoni gja msemmija, u esebita a fol 30 ibid (ara ukoll il-<u>kopja tar-rapport</u> a fol 31 sa fol 33 ibid).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, in rigward il-hsarat kagunati fuq il-vettura tal-attur, ghandha ssir referenza, ukoll ghax-xhieda tas-“surveyor”, Mark Micallef a fol 48 kif ukoll ghas-“survey report” maghmul minnu a fol 43.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, kif jidher a fol 44 u 45 tal-istess atti, l-attur kien ircieva “cheque” minghand is-socjeta’ kjamata in kawza, ammontanti ghal Lm230.20. Pero l-attur ma kienx sarraf dan ic-cheque minhabba li kienx jkopri d-danni konsegwenzjali kollha.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi la l-konvenuti la s-socjeta’ kjamata in kawza ma ssottomettew xi prova in sostenn ta’ dak eccepit minnhom u dan avolja inghataw l-opportunita sabiex jghamlu dan.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi a basi tal-premess, ma ghandu jkun hemm ebda dubju li dan l-incident kienet kawzat direttament minn negligenza fis-sewqan da parti tal-konvenut Ahmed Gado, minghajr l-ebda htiega ta’ xi kumment ulterjuri dwar dan . Pero’ jidher evidenti, ukoll li Carmel Dimech <u>personalment</u> bl-ebda mod, ma hu responsabbli definittivament ghall-istess incident vis-à-vis id-dinamika ta’ dan.

Illi, dwar, il-<u>hlas</u> tad-danni konsegwenzjali, jidher ukoll li, ntrabtu sabiex jaghmlu tajjeb ghalihom kemm l-istess

Ahmed Gado kemm Carmel Dimech izda in rappresentanza tas-socjeta "Italmal Machinery Limited". Ghalhekk, a basi ta' dak premess, il-hlas ta' danni ghandu jkun maqsum bejn Ahmed Gado u l-istess socjeta imsemmija f'porzjonijet ugwali bejniethom trattasi ta' materja purament civili u ma tirrizultax solidarjeta bejniethom mill-iskrittura ossija dikjarazzjoni in esami.

Ikkunsidrat

Illi, tenut kont ukoll tas-"survey report" msemmi l-ammont globali ta' danni pretiz mill-attur ma jidhirx li hu esagerat.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti filwaqt li tichad it-talbiet attrici vis-à-vis Carmel Dimech personalment u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju tilqa t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-istess Ahmed Gado bhala unikament responsabbli ghall-incident in esami minhabba traskuragni, imperizja, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' dan il-konvenut;

2. tillikwida l-ammont ta' danni fis-somma ta' LM376.76,0 u;

3. tikkundanna lill-Ahmed Gado u lis-socjeta', kjamata in kawza "Italmal Machinery Limited" sabiex jhallsu lill-istess attur is-somma ta' Lm376.76,0 f'porzjonijiet ugwali bejniethom ossija nofs (1/2) kull wiehed bl-imghax legali mill-5 ta' Marzu 1999 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes kwantu ghal nofs (1/2) kull wiehed bejn l-istess konvenuti inkluzi dawk tal-ittra legali tad-9 ta' Dicembru 1998 kif ukoll Lm10 ghal konsult."

Ghalkemm vincenti fil-gudizzju l-attur appella minn din is-sentenza bl-aggravju illi l-ewwel Qorti messha sabet illi kien hemm solidarjeta` bejn il-konvenut Ahmed Gado u s-socjeta` kjamata fil-kawza ItalMal Machinery Limited. Huwa jissottometti illi din is-solidarjeta` kellha tirrizulta mid-dikjarazzjoni iffirmata, mix-xhieda tas-Surgent li nvestiga l-incident u mill-fatt ukoll illi s-socjeta` msemmija kienet baghtet cheque ghall-hlas ta' parti biss mis-somma

dovuta bhala danni, u li skond l-istess eccezzjoni taghha kien jirrapprezenta hlas naxxenti minn hsarat ikkawzati mill-impjegat taghha.

In linea ta' massima s-solidarjeta` tfisser li kull wiehed mid-debituri jkun obbligat li jaghmel tajjeb ghad-debitu shih favur il-kreditur li jkun allura, jekk irid, jista` jagixxi gudizzjarjament biex jesigi l-pagament minghand wiehed biss mid-debituri tieghu ad eskluzjoni ta' l-ohrajn. Dan huwa desumibbli mill-Artikolu 1094 tal-Kodici Civili. Artikolu dan li ghandu bhala fondament tieghu mhux dak li jtaffi r-responsabilita` tal-konkorrenti li jkunu taw lok ghad-dannu u ghad-debitu, izda fis-sens li tigi rafforzata l-garanzija tad-danneggjat jew tal-kreditur (intiz f'sens wiesgha) billi tikkonsentilu l-ghazla li jirrivolgi l-pretensjoni tieghu ghall-intier tal-kreditu u tal-hlas kontra kull wiehed mis-soggetti responsabbli jew obbligati, u dan minghajr il-htiega li jazzjona lil kull wiehed minnhom ghal kwota rispettiva tieghu.

Skond il-ligi s-solidarjeta` hi allura "solamente concepibile – come del resto qualsiasi altra obbligazione solidale, la quale puo soltanto esistere quando vi sono piu` persone obbligate allo stesso debito – allorche al fatto doloso che ha cagionato il danno repitibile concorsero` piu` persone; poiche se si tratta di debiti diversi, commesse da persone diverse, con diversa responsabilita` individuale sia per le natura che per le circostanze del delitto, per modo che rimanga escluso il concorso di piu` persone alla perpetrazione di ciascun fatto dannoso, la detta disposizione di legge non puo trovare la sua applicazione" (**Vol XXIX pI p528**). Dak li jghodd ghad-delitti jghodd ugwalment ghal kwazi delitti, u kif intqal, ghal kwalsiasi obbligazzjoni ohra.

Fil-kaz in diskussjoni s-socjeta` ItalMal ma kienetx kompartecipi direttament fil-kwazi-delitti 'ut sic' li ta lok ghad-danni reklamati mill-appellanti, u ghalhekk sa hawn ma jistax jinghad li tezisti s-solidarjeta`. L-appellanti pero` jsostni illi din is-socjeta` kellha titqies debitrici 'in solidum' bil-fatt tad-dikjarazzjoni esebita minn PS 1102 Robert Everest a fol 30. Ghall-appellant din id-dikjarazzjoni

kienet timmanifesta illi s-socjeta` appellata kienet qed tiggarantixxi li taghmel tajjeb ghad-danni subiti fil-van tieghu fl-incident tat-23 ta' Settembru 1998. Jokkorri ghalhekk li jigu ezaminati d-disposizzjonijiet relattivi li jitrattaw dwar l-istitut tal-garanzija.

Jigi osservat illi fi hwejjeg tal-kummerc il-ligi expressis tipprovdi ghas-solidarjeta` ta' l-obbligazzjoni (Art 1941). Din hi l-unika presunzjoni li taghmel il-ligi. Dan pero` ma jfisserx illi ma jistax ikollok ukoll obbligazzjoni solidali f'materji civili fejn dan jokkorri u jkun jidher car illi l-garanti jkun accetta, mhux biss b'mod sussidjarju imma in via principali, "li jissodisfa l-obbligazzjoni ta' wiehed iehor" (Art 1925); f'dan il-kaz, tax-xufier tal-kumpanija.

Mill-mod kif tinsab redatta d-dikjarazzjoni (fol 30) din il-Qorti ma ghandha l-ebda ezitazzjoni illi ssib illi l-garanzija kienet sostenuta bis-solidarjeta`. Kienet in-natura tal-istess dikjarazzjoni li fil-fehma tal-Qorti kienet tistabilixxi illi l-garanzija kienet wahda solidali. Il-motiv ghaliex inghatat ma jiccentra xejn.

Is-solidarjeta` ghalhekk f'dan il-kaz giet maqbula u accettata espressament, kif hekk jippreskrivi proprju l-Artikolu 1089 tal-Kodici Civili. Il-garanzija giet assunta biex flimkien max-xufier il-konvenut l-iehor Ahmed Gado s-socjeta` kjamata in kawza taghmel tajjeb, u b'hekk tissodisfa l-kreditu pretiz mill-attur appellant. L-appell ghalhekk jimmerita li jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tirrevoka dik il-parti tad-decizjoni li l-konvenut Ahmed Gado u s-socjeta` ItalMal Machineryu Limited jaghmlu tajjeb ghall-hlas tas-somma tad-danni f'porzjonijiet ugwali bejniethom u minflok tilqa' l-appell tal-attur kif dedott. Dan fis-sens illi kemm l-imsemmi konvenut kif ukoll is-socjeta` msejha fil-kawza jigu dikjarati responsabbli in solidum ghall-hlas tad-danni subiti mill-attur appellant. L-ispejjez tal-prim'istanza jibqghu kif decizi mill-ewwel Qorti, dawk ta' din l-istanza jibqghu a karigu tal-konvenut u tas-socjeta` imsemmija solidalment bejniethom.

Onor. Imhallef Philip Sciberras LL.D.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------